Nru./No. 21,626
Prezz/Price
€0.36

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 17 ta' April, 2026
Friday, 17th April, 2026

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 5197 - 5198
Government Notices ..... *5197 - 5198*

Avviżi tal-Qorti ..... 5199 - 5200
Court Notices ..... *5199 - 5200*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 622

TAQSIMA TAR-REGOLAMENTAZZJONI GĦALL-GĦASAFAR SELVAĠĠI

Notifika ta' Deroga

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bir-raba' proviso tar-Regolament 10(6) tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar (L.S. 549.42), il-Ministru responsabbli għall-ambjent, flimkien mal-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar, wara li ħadet inkonsiderazzjoni l-laqgħa tal-Kumitat Ornis (Malta) li saret fit-30 ta' Marzu, 2026, qed tawtorizza deroga mill-proviżjonijiet tar-Regolament 4 (1) (a) u (d) f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament 9 (1) (e) li tippermetti li jinqabad ammont limitat ta' Gamiem (*Streptopelia turtur*). Il-liċenzja relatata hija valida mill-20 ta' April, 2026 sat-3 ta' Mejju, 2026, iż-żewġ dati inklużi, minn sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx sa nofsinhar. L-ewwel erba' (4) Gamimiet li jinqabdu jiġu mlibbsa *satellite-tag*, u dawn jiġu rilaxxati lura fis-selvaġġ malli jagħlaq l-istaġun tal-kaċċa fir-Rebbiegħa 2026. Il-kumplament tal-gamiem jiġi rrappurtat bħala parti mill-kwota nazzjonali għall-istaġun tal-kaċċa fir-Rebbiegħa 2026 u introdotti bħala stokk għall-proġett tat-tnissil tal-FKNK. L-awtorizzazzjoni qed tingħata lill-FKNK għall-iskop ta' riċerka sabiex jiġu monitorati u evalwati r-rotot migratorji tal-kampjuni b'*satellite-tag*, u għal raġunijiet ta' konsanwinità, strettament taħt il-kundizzjonijiet u l-kontrolli stipulati fil-liċenzja maħruġa għal dan il-għan mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi. L-informazzjoni miksuba mis-satellite-tags għandha tasal għand it-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi f'forma ta' rapport dettaljat fi żmien sitt (6) xhur mid-data tal-iskadenza tal-liċenzja, segwit minn rapport finali fi żmien tliet (3) xhur mid-data tal-aħħar trażmissjoni tas-*satellite-tags*.

Is-17 ta' April, 2026

GOVERNMENT NOTICES

No. 622

WILD BIRDS REGULATION UNIT

Notice of Derogation

IN exercise of the powers conferred by the fourth proviso to Regulation 10(6) of the Conservation of Wild Birds Regulations (S.L. 549.42), the Minister responsible for the environment, in conjunction with the Minister for Gozo and Planning, after giving due consideration to the outcome of the meeting of the Malta Ornis Committee held on the 30th March, 2026, is hereby authorising derogation from the provisions of Regulation 4 (1) (a) and (d) in line with the provisions of Regulation 9 (1) (e) to permit limited capturing of European Turtle-doves (*Streptopelia turtur*). The validity period of the licence shall be from the 20th April, 2026 until the 3rd of May, 2026, both days included, from two hours before sunrise until noon. The first four (4) Turtle-doves will be fitted with a *satellite-tag* and released back into the wild following closure of the Spring hunting season 2026. The remaining Turtle-doves will be reported as part of the national quota for the 2026 Spring hunting season and introduced as stock to the FKNK's captive-breeding project. Authorisation is being granted to FKNK for the purpose of research to monitor and assess the migratory routes of the specimens fitted with a *satellite-tag*, and for consanguinity purposes, strictly under the conditions and controls stipulated in the licence issued for this purpose by the Wild Birds Regulation Unit. The information obtained through the satellite tags affixed to the Turtle-doves, shall be provided to the Wild Birds Regulation Unit in the form of a detailed written report within six (6) months from the expiry date of the licence, followed by a final report within three (3) months from the date of last transmission of the *satellite-tags*.

17th April, 2026

Nru. 623

TAQSIMA TAR-REGOLAMENTAZZJONI GĦALL-GĦASAFAR SELVAĠĠI

Notifika ta' Deroga

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bir-raba' proviso tar-Regolament 10(6) tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar (L.S. 549.42), il-Ministru responsabbli għall-ambjent, flimkien mal-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar, wara li ħadet inkonsiderazzjoni l-laqgħa tal-Kumitat Ornis (Malta) li saret fit-13 ta' April, 2026, qed tawtorizza deroga

No. 623

WILD BIRDS REGULATION UNIT

Notice of Derogation

IN exercise of the powers conferred by the fourth proviso to Regulation 10(6) of the Conservation of Wild Birds Regulations (S.L. 549.42), the Minister responsible for the environment, in conjunction with the Minister for Gozo and Planning, after giving due consideration to the outcome of the meeting of the Malta Ornis Committee held on the 13th April,

mill-proviżjonijiet tar-Regolament 4 (1) (a) u (d) f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament 9 (1) (e) li tippermetti li jinqabdu sa erbatax-il (14) Gamiema (*Streptopelia turtur*) għall-iskop li jitwaħħlu *satellite-tags* fuq dawn l-eżemplari, segwit mir-rilaxx tagħhom lura fis-selvaġġ. Il-liċenzja relatata hija valida mill-20 ta' April, 2026 sat-3 ta' Mejju, 2026, iż-żewġ dati inklużi, minn sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx sa nofsinhar. L-awtorizzazzjoni qed tingħata lill-Kaċċaturi San Ubertu għall-iskop ta' riċerka sabiex jiġu monitorati u evalwati r-rotot migratorji tal-kampjuni b'*satellite-tag*, strettament taħt il-kundizzjonijiet u l-kontrolli stipulati fil-liċenzja maħruġa għal dan il-għan mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi. L-informazzjoni miksuba minn dan l-istudju għandha tasal għand it-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi f'forma ta' rapport dettaljat fi żmien sitt (6) xhur mid-data tal-iskadenza tal-liċenzja, segwit minn rapport finali fi żmien tliet (3) xhur mid-data tal-aħħar trażmissjoni tas-*satellite-tags*.

Is-17 ta' April, 2026

Nru. 624

TAQSIMA TAR-REGOLAMENTAZZJONI GĦALL-GĦASAFAR SELVAĠĠI

Notifika ta' Deroga

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bir-raba' proviso tar-Regolament 10(6) tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (L.S. 549.42), il-Ministru responsabbli għall-ambjent, flimkien mal-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar, wara li ħadet inkonsiderazzjoni r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat Ornis li ltaqa' fit-30 ta' Marzu, 2026, qed tawtorizza deroga mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament 4 (1) (a), (d) u (e) f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament 9 (1) (e) li tippermetti li jittieħdu kampjuni tad-demm u tar-rix sa massimu ta' mija u sittin (160) eżemplar mill-ispeċi *Puffinus yelkouan* (Garnija), massimu ta' mija u sittin (160) eżemplar mill-ispeċi *Calonectris diomedea* (Ċiefa) u massimu ta' mija u sittin (160) eżemplar mill-ispeċi *Hydrobates pelagicus* (Kanġu ta' Filfla). Il-liċenzja relatata hija valida mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-notifika sat-tletin (30) ta' Novembru, 2026. L-awtorizzazzjoni qed tingħata għall-iskop ta' riċerka u analiżi xjentifika strettament taħt il-kundizzjonijiet u l-kontrolli stipulati fil-liċenzji maħruġa għal dan il-għan mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi. L-informazzjoni miksuba minn dan l-istudju għandha tasal għand it-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi f'forma ta' rapport dettaljat fi żmien sitt (6) xhur mid-data tal-iskadenza tal-liċenzja.

Is-17 ta' April, 2026

2026, is hereby authorising derogation from the provisions of Regulation 4 (1) (a) and (d) in line with the provisions of Regulation 9 (1) (e) to permit the capturing of up to fourteen (14) European Turtle-doves (*Streptopelia turtur*) for the purpose of affixing these specimens with *satellite-tags*, followed by their release back into the wild. The validity period shall be from the 20th April, 2026 until the 3rd of May, 2026, both days included, from two hours before sunrise until noon. Authorisation is being granted to Kaċċaturi San Ubertu for the purpose of research to monitor and assess the migratory routes of the specimens fitted with a *satellite-tag*, strictly under the conditions and controls stipulated in the licence issued for this purpose by the Wild Birds Regulation Unit. The information obtained through this study shall be provided to the Wild Birds Regulation Unit in the form of a detailed written report within six (6) months from the expiry date of the licence, followed by a final report within three (3) months from the date of last transmission of the *satellite-tags*.

17th April, 2026

No. 624

WILD BIRDS REGULATION UNIT

Notice of Derogation

IN exercise of the powers conferred by the fourth proviso to Regulation 10(6) of the Conservation of Wild Birds Regulations (S.L. 549.42), the Minister responsible for the environment, in conjunction with the Minister for Gozo and Planning, after giving due consideration to the recommendations of the Ornis Committee, which met on the 30th March, 2026, is hereby authorising derogation from the provisions of Regulation 4 (1) (a), (d) and (e) in line with the provisions of Regulation 9 (1) (e) to permit the taking of blood and feather samples from up to hundred sixty (160) specimens from Yelkouan Shearwater *Puffinus yelkouan*, up to hundred sixty (160) specimens from Scopoli's Shearwater *Calonectris diomedea* and up to hundred sixty (160) specimens from European Storm-petrel *Hydrobates pelagicus*. The validity period of the licence shall be from the date of publication of this notice until 30th November, 2026. Authorisation is being granted for the purpose of scientific research and analysis strictly under the conditions and controls stipulated in the licences issued for this purpose by the Wild Birds Regulation Unit. The information obtained through this study shall be provided to the Wild Birds Regulation Unit in the form of a detailed written report within six (6) months from the expiry date of the licence.

17th April, 2026

1030

ARB/C057/2020 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TAL-IFFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fis-6 ta' Marzu, 2026, mill-Qorti Kriminali (l-Onor. Imħallef Dott. Neville Camilleri, LLD) fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

DARREN DEBONO;

JEFFREY CHETCUTI;

WORLD WATER FISHERIES LIMITED;

ANDREA MARTINA LIMITED, b'numru tar-reġistrazzjoni Malti C41309 li għandha l-indirizz irreġistrat bħala 22, Triq tal-Mensija, San Ġwann, Malta.

MARIE DE LOURDES COMPANY LIMITED;

U

COAST LIMITED;

Il-Qorti TAĦTAR lil Dott. Peter Fenech bħala amministratur ta' ANDREA MARTINA LIMITED hekk skont l-Artikolu 35 (11)(b) tal-Kap. 621 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 5 (3) tal-Att kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni tal-iffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Rachel Montebello, LLD) fl-24 ta' Novembru, 2020, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fl-1 ta' Diċembru, 2020, fejn il-Qorti ordnat is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' Darren Debono, Jeffrey Chetcuti, World Water Fisheries Limited, ANDREA MARTINA LIMITED, Marie De Lourdes Company Limited, u Coast Limited.

Illum 14 ta' April, 2026

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

ARB/C057/2020 – VARIATION OF A FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 6th March, 2026, given by the Criminal Court (Hon. Judge Dr Neville Camilleri, LLD), in the case:

The Republic of Malta

Versus

DARREN DEBONO;

JEFFREY CHETCUTI;

WORLD WATER FISHERIES LIMITED;

ANDREA MARTINA LIMITED, with Maltese registration number C41309 and registered address at 22, Triq tal-Mensija, San Ġwann, Malta.

MARIE DE LOURDES COMPANY LIMITED;

AND

COAST LIMITED;

The Court APPOINTS Dr Peter Fenech as the administrator for ANDREA MARTINA LIMITED according to Article 35 (11) (b) Cap. 621 of the Laws of Malta.

This variation is being published in terms of Section 5 (3) of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta, following a freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Rachel Montebello, LLD) on the 24th November, 2020, which was published in the Government Gazette on the 1st December, 2020, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to Darren Debono, Jeffrey Chetcuti, World Water Fisheries Limited, ANDREA MARTINA LIMITED, Marie De Lourdes Company Limited, and COAST LIMITED.

Today 14th April, 2026

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

1031

ARB/C054/2024 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fl-10 ta' Marzu, 2026, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (il-Maġistrat Dott. Lara Lanfranco, LLD). Fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

JOSE LUIS ALONSO MELCHOR, compliance officer, ta' 35 sena, iben Jose Alonso Martin, imwieled Spanja fit-18 ta' Settembru, 1990, u residenti f'45, Triq l-Irmiġġ, L-Imsida, u/jew 905, 'The Hub', 4, Stirling Way, Ġibiltà, GX111AA, u detentur ta' karta tal-identità Spanjola bin-numru 05440251S u dokument ta' identifikazzjoni Malti bin-numru 274802A.

Il-Qorti AWTORIZZAT lil JOSE LUIS ALONSO MELCHOR sabiex jiftaħ kont bankarju mal-Bank of Valletta (BOV) illi dan għandu jintuża esklussivament sabiex jiġi ddepożitat is-salarju/kummissjoni tiegħu u sabiex jinġibdu l-fondi. Il-massimu tal-ġbid ta' fondi huwa l-ammont ta' wieħed u għoxrin elf, disa' mija u ħamsa u erbgħin ewro (€21,945) fis-sena, skont l-ammont stabbilit mill-Ministru b'ordni fil-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,191 permezz tal-Avviż Legali 31 tal-2024 – Ordni tal-2024 li Jistabbilixxi l-Ammont Massimu Rilaxxjabbli lil Persuni li jkunu Suġġetti għal Ordnijiet ta' Sekwestru jew għal Ordnijiet ta' Qbid u Ffriżar taħt l-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità. JOSE LUIS ALONSO MELCHOR għandu jinforma lill-Qorti, permezz ta' nota, bid-dettalji ta' dan il-kont bankarju mhux aktar tard minn tmienja u erbgħin siegħa mill-ftuħ tal-kont .

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 36 (4) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni tal-iffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Nadia H. Vella, LLD), fl-4 ta' Lulju, 2024, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fit-12 ta' Lulju, 2024, fejn il-Qorti ordnat is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' JOSE LUIS ALONSO MELCHOR.

Illum 15 ta' April 2026

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

ARB/C054/2024 – VARIATION OF A SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 10th March, 2026, given by the Court of Magistrates (Malta) (Magistrate Dr Lara Lanfranco, LLD). In the case:

The Republic of Malta

Versus

JOSE LUIS ALONSO MELCHOR, compliance officer, 35 years, son of Jose Alonso Martin, born in Spain on the 18th September, 1990, and residing at 45, Triq l-Irmiġġ, Msida, and/or 905, 'The Hub', 4, Stirling Way, Gibraltar, GX111AA, and holder of Spanish identity card bearing number 05440251S and Maltese Identification document bearing number 274802A.

The Court AUTHORISED JOSE LUIS ALONSO MELCHOR to open a bank account with Bank of Valletta (BOV), that shall be used exclusively as to receive his salary/commission and for withdrawals. Such withdrawals shall not exceed the amount of twenty-one thousand nine hundred and forty-five euro (€21,945) annually, as per the amount established by the Minister by order in the Government Gazette of Malta No. 21,191 through Legal Notice 31 of 2024 – Establishment of Maximum Amount which may be Released to Persons who are Subject to Attachment Orders or to Seizing and Freezing Orders under the Proceeds of Crime Act Order, 2024. JOSE LUIS ALONSO MELCHOR is to inform the Court, by way of note, with the account details of the new account no later than forty-eight hours from the opening of the account.

This variation is being published in terms of Article 36 (4) of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Nadia H. Vella, LLD) on the 4th July, 2024, which was published in the Government Gazette on the 12th July, 2024, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to JOSE LUIS ALONSO MELCHOR.

Today 15th of April, 2026

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper | Supporting responsible forestry
FSC® C140603